A.L. 146 ta' l-1990

ATT TA' L-1976 DWAR L-AWTORITÀ TAD-DJAR (ATT NRU. XV TA' L-1976)

Ordni ta' l-1990 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà) (Nru. 8)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 12 ta' l-Att ta' l-1976 dwar l-Awtorità tad-Djar, il-President ta' Malta għamel l-ordni li ġej:—

Titolu.

1. Dan l-ordni jista' jissejjaħ l-Ordni ta' l-1990 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà) (Nru. 8).

Proprjetà speċifikata.

2. Il-proprjetà deskritta fil-paragrafu 4 ta' dan l-ordni hi b'dan speċifikata għall-finijiet ta' l-artikolu 12 ta' l-Att ta' l-1976 dwar l-Awtorità tad-Djar.

Jum stabbilit.

3. Il-proprjetà speċifikata fil-paragrafu 2 ta' dan l-ordni għandha tiġi trasferita lill-Awtorità tad-Djar u tiġi vestita fiha kif provdut fl-imsemmi artikolu b'seħħ mill-5 ta' Settembru, 1990.

Deskrizzjoni ta' proprjetà speċifikata.

4. Il-proprjetà msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-ordni hi din li ġejja, jiġifieri:

(1) Blokk ta' 8 flats, magħruf bħala Appartamenti l-21 ta' Settembru, 1964, Qasam tad-Djar tal-Gvern, limiti ta' Hal-Kirkop, kull appartament aċċessibbli minn bieb intern numerat 1 sa 8, aċċessibbli minn entrata komuni li għandha indikat fuqha l-isem ta' l-appartamenti, li tmiss mill-Majjistral u Xlokk ma' toroq pubbliċi u mil-Lbiċ ma' proprjetà tal-Gvern, delineata bl-aħmar fuq L.D. 264/90.

(2) Blokk ta' 8 flats, magħruf bħala Appartamenti l-25 Anniversarju 1964-1989, Qasam tad-Djar tal-Gvern, limiti ta' Hal-Kirkop, kull appartament aċċessibbli minn bieb intern numerat 1 sa 8, aċċessibbli minn entrata komuni li għandha indikat fuqha l-isem ta' l-appartamenti, li tmiss mix-Xlokk u Lbiċ ma' toroq pubbliċi u mill-Majjistral ma' proprjetà tal-Gvern, delineata bl-aħmar fuq L.D. 264/90.